MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 2045/2003/1

**Tarcisio Scicluna**

**vs**

**Kevin Magro**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Mejju, 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihalllas lill-attur is-somma ta' elf, mitjen u tlieta u tletin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1233.70) rapprezentanti danni kagunati f'incident tat-traffiku li gara fis-17 ta' Mejju 2003, fi Triq Wied il-Ghajn meta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAV 224 propjeta' tal-attur u misjuqa minn

Malcolm Scicluna intlaqtet minn vettura ohra bin-numru LAM 382 misjuqa minn Kevin Magro meta hareg minn Triq ic-Cimiterju, liema ncident gara unikament tort tal-istess konvenut minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta harsien lejn it-traffiku.
Bl-ispejjes, inkluzi ta' ittra bonarja tad-9 ta' Gunju 2003, 26 ta' Gunju 2003 u ittra ufficjali tat-8 ta Ottubru 2003 kif ukol bl-imghax fuq is-somma pretiza mid-data tal-infieq, bis-subizzjoni tal-istess konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:-
1. L-incident gara tort tal-attur minhabba negligenza, speed eccessiv u ksur tar-regolamenti tat-traffiku.
2. L-attur ma ha ebda evasive action biex jevita l-incident.
3. Fil-mument tal-impatt il-vettura tal-attur kienet wrong side.
4. Bla pregudizzju l-ammont mitlub huwa esagerat.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2004 fejn gie ordnat li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza bl-Avviz Numru 2237/03 stante li l-mertu taz-zewg kawzi kien jirrigwarda l-istess incident awtomobilistiku.

Sema' x-xhieda ta' Sergio Camilleri, tal-konvenut Kevin Magro, Angelo Magro, Aldo Muscat, Malcolm Scicluna, Tarcisio Scicluna, u ta' Colin Cassar. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mll-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fis-17 ta' Mejju 2003, fi Triq Wied il-Ghajn, Haz-Zabbar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAV 224 misjuqa

minn Malcolm Scicluna u propjeta’ tal-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAM 382 misjuqa mill-konvenut.

Malcolm Scicluna xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAV 224 fi Triq Wied il-Ghajn sejjer lejn Haz-Zabbar. Huwa jghid li kien qed isuq b’velocita’ normali u fuq il-karreggjata tieghu u li meta wasal vicin Triq ic-Cimiterju harget il-vettura msijuqa mill-konvenut minn din it-triq laterali minghajr ebda indikazzjoni u baqghet diehla fih. Malcolm Scicluna jghid li bid-daqqa il-vettura tieghu giet mirsusa lejn il-lemin. In kontro-ezami dan ix-xhud spjega li huwa ra l-vettura tal-konvenut l-ewwel daba meta din kienet man-naha tax-xellug tieghu u ljsostni i huwa kien qed isuq b’velocita ta’ madawar 25 jew 40 kilometru fis-siegha. Scicluna spejga wkoll li it-tarf tat-triq minn fejn kien hiereg il-konvenut hija *blind corner* u ghalhekk faccata hemm mera sabiex tghin lis-sewwieqa hiergin minn din it-triq ikollhom vizwali ahjar. Huwa jghid ukoll li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-faccata ta’ quddiem lejn il-lemin  u mal-genb tal-lemin fin-naha ta’ quddiem. Dejem skond Malcolm Scicluna il-konvenut ma harigx ghad-dritt izda angolat. Meta mistoqsi x’kienet ir-raguni li ma brejkjax meta ra lil Magro hiereg, Scilcuna jghid li kollox gara f’daqqa u peress li hemm il-*blind corner* huwa ma setghax jara lill-konvenut hafna qabel. L-ewwel impatt fil-vettura ta’ Sicluna kien fil-faccata ta’ quddiem man-naha tal-lemin,

Kevin Magro xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed siuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAM 382 fi Triq ic-Cimiterju, Haz-Zabbar u meta wasal fl-inkrocju ma’ Triq Wied il-Ghajn, huwa waqaf, hares fil-mera li kien hemm faccata u ma ra xejn gej min-naha tax-xellug tieghu, Huwa ried jaqsam u jikser lejn il-lemin biex imur fid-driezzjoni ta’ Marsascala. Magro jghid li kkalkula li seta’ facilment idur lejn il-lemin u ghalhekk qasam, wasal fil-karreggjata tieghu fi Triq Wied il-Ghajn u meta kien ser jibda miexi ra l-vettura misjuqa minn Scicluna gejja min-naha tal-lemin tieghu b’certu velocita’ u din il-vettura flok marret fuq sajda giet fuq il-karreggjata li kien qieghed fuqha hu u kaxkritlu l-genb tal-lemin mill-bieba lura.

Ma hemm ebda dubju li Triq Wied il-Ghajn, it-triq li kien ghaddej minnha Malcolm Scicluna, hija t-triq principali fil-konfront ta’ Triq iC-Cimiterju, u cioe’ it-triq li kien hiereg minnha l-konvenut u li ghalhekk Malcolm Scicluna kien il-*main road user* filwaqt li Kevin Magro kien is-*side road user*. Mill-iskizz jirruzulta ampjament li l-impatt sehh fuq in-naha tal-lemin tat-triq ghal sewwieq gej mid-dierzzjoni ta’ Marsascala u dan peress li d-*debris* jinsab kollu fuq dik in-naha tat-triq. Dan il-fatt jikkonferma l-verzjoni moghtija mill-konvenut Kevin Magro fis-sens li l-impatt sehh meta dan tal-ahhar kien diga’ qasam triq Wied il-Ghajn u ha postu fil-karreggjata biex jiprocedi fid-direzzjoni ta’ Marsascala. Jinghad ukoll li l-posizzjoni tal--hsarat fiz-zewg vetturi tkompli tikkonferma it-tezi tal-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunual izda dan il-fatt ma jsikulpax lill-imsemmi konvenut mir-responsabilita, jew almenu mir-responsabilita’ kollha, ghall-incident de quo. Fil-fehma tat-Trivunal il-konvenut xorta wahda ghandu jtiqies responsabbli ghall-incident stante li huwa naqas mill-obbligu tieghu ta’ *side road user* hiereg ghal fuq triq principali milli jzomm *a proper lookout* ghat-traffiku li kien qed jiprocedi fuq it-triq principali. Il-fatt li huwa kien hiereg minn *blind corner* jitfa oneru akbar fuqu li jzomm *a proper lookout* qabel ma jittenta jemergi ghal fuq it-triq principali. Il-mera li kellu faccata kienet hemm proprju sabiex tghinu jesplora adegwatament it-triq qabel ma johrog, haga li jirrizulta lli m’ghamilx ghaliex altrimenti kien jinduna bil-vettura misjuqa minn Malcolm Scicluna gejja min-naha tal-lemin tieghu, ghalkemm fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Fil-fehma tat-Tribunal izd anki Malcolm Scicluna ghandu jtiqies responsabbli ghall-akkadut u dan ghaliex huwa kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-riq kif jirrizulta ampjament mill-iskizz u kien qed isuq ukoll b’velocita’ eccessiva kif jirrzuta mill-entita’ konsiderevoli tal-hsarat kaguanti fil-vettura tieghu. Huwa minnu li Malcolm Scicluna kien il-*main road user* u kellu d-dritta izda f’dan il-kaz huwa kien ukoll *main road abuser* ghaliex kien qed isuq b’velocta’ eccessiva u principalment ghaliex kien qed siuq fuq in-naha l-hazina ta-triq meta kien jaf li qed javvicina *blind corner* u kien ghalhekk qed jaghmilha aktar difficli ghas-sewwieq hiereg mit-triq lateralli u minn *blind*

*corner* sabiex jevitah. Il-konfigurazzjoni tat-triq li kien qed jiprocedi fiha Malcolm Scicluna kienet tinnecessita li huwa jezercita aktar kawtela u prudenza min dik effettivament ezercitata minnu.

Ghar-agunijiet premessi t-Tribunal jidhirlu li z-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident de quo ghandhom jitqiiesu ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jiforma l-mertu tal-kawza.

Minn ezami tal-provi dwar id-danni reklamati mill-attur jirrizulta li t-tiswijiet u t-tibdil tal-parts saru skond is-*survey report* imhejji mis-*surveyor* imqabbad mill-assikurazzjoni tal-konvenut u li l-attur ma naqasx mill-obbligu tieghu ta' danneggjat, u cioe dak li jimminimizza d-danni. Id-danni reklamati mill-attur jammontaw ghal elf, mitjen u tlieta u tletin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1233.70) u ghalhekk il-konvenut ser jgi kkudannat ihallas lill-attur nofs dan l-ammont, u cioe' is-somma ta' sitt mija u sittax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm616.85) u dan in vista tal-fatt li r-esponsabilita' ghall-incident de quo giet apporzjonata nofs bin-nofs bejn il-partjiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta' sitt mija u sittax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm616.85) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' sitt mija u sittax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm616.85), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet."

L-attur apella minn din is-sentenza bl-aggravju li t-Tribunal mexa serjament kontra d-dettami ta' l-ekwita;

Il-kawza, li l-mertu taghha gie deciz mit-Tribunal, titratta minn reklam ghad-danni skaturati minn kollizjoni. Kif inhu sew maghruf f' kwestjonijiet ta' incidenti stradali il-mertu

tal-gudizzju ghandu jservi biex tigi determinata l-kawza prossima li tkun tat lok ghall-incident u li tapplika, skond ic-cirkostanzi pervenuti, ir-regolamenti li talvolta jghoddu. Dan ghaliex, kif ukoll jinsab stabbilit, huma r-regolamenti u l-osservanza, o meno, taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita, u mhux l-ekwita` jew il-gudizzju approssimativ;

L-appellanti jilmenta illi t-Tribunal ma apprezzax kif kien jixraq il-fatti li wasslu ghall-incident, u, anke f' din is-sede, ikompli jinsisti li hu ma wettaq ebda abbuz fis-sewqan tieghu. Jokkorri ghalhekk li din il-Qorti tirriezamina l-provi biex tara jekk l-appellanti ghandux ragun f' din l-asserzjoni tieghu;

In linea preambulari, tajjeb li jigu riaffermati dawn il-principji fir-regolament tar-responsabilita` ghad-danni kagunati mic-cirkolazzjoni tat-traffiku, u in partikulari, bhal f' dan il-kaz, fejn ikun hemm involuti "*main road user*" bhal ma kien iben l-appellant, u "*side road user*" fil-persuna tal-konvenut appellat. Konvenut li ssokkomba ghall-gudizzju billi ma ntavola ebda appell mid-decizjoni li sabitu hati ta' negligenza kontributorja;

(1) "Is-*side road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, u li jimxi *dead slow*, u sahansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" (**Kollez. Vol. XLV P I p 389**). Huwa "ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - "**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine de la Fargue**", Appell Civili, 2 ta' April 1976;

(2) "Dan ma jfisserx illi min ikun fit-triq principali huwa dispensat mill-obbligu ta' kull *road user* li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan" (**Kollez. Vol. XXXII P II p 386**). "Huwa m' ghandux ghal daqshekk u bhala tali xi

brevett ta' immunita minn kwalunkwe responsabilita f' kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt *side road user.*" (**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966);

Premessi dawn il-principji huwa l-kaz li l-incident in ezami ghandu jigi interpretat u definit in bazi ghal certi indikaturi ta' fatt rizultanti mill-provi. Senjatament, u b' mod specjali, it-topografija tat-toroq, is-sewqan taz-zewg konducenti, l-i*spot of impact* u n-natura tad-daqqiet subiti mill-vetturi fl-iskontru;

Fuq dawn ir-rizultanzi t-Tribunal irraguna u kkonkluda li Malcolm Scicluna, bin l-appellanti, kien qed isuq b' volocita eccessiva meta kien qed javvicina *blind corner*, u fuq in-naha l-hazina tat-triq. Hu proprju dawn il-konstatazzjonijiet li l-appellanti jikkontesta. Huwa jikkontendi li kien qed isuq bil-galbu (35 - 40 kfs) u sab ruhu fuq in-naha l-hazina tat-triq ghax il-vettura tieghu giet imkaxkra bl-impatt;

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti wkoll tirradika l-konvinzjoni li l-appellant kien ugwalment fi htija ghall-incident li sehh. In aggunta mal-motivazzjonijiet dedotti mill-ewwel Qorti thoss li ghandha tirrileva u tissottolineja dawn ic-cirkustanzi:-

(1) Kien jinkombi fuq l-attur li jiddemostra li s-sewwieq ibnu, mhux biss osserva n-normi soliti tac-cirkolazzjoni izda fuq kollox li ha kura biex jevita l-incident. Certament il-prudenza kienet tiddettalu, u anzi timponilu, li jirrallenta s-sewqan tieghu;

(2) Dan qed jigi rilevat ghaliex ghall-Qorti, mid-dinamika ta' l-incident u d-daqqiet qawwija li ssubbiet il-vettura ta' l-attur fl-impatt, dawn ghandhom l-impronta li Malcolm Scicluna kien inadempjenti kemm fir-rigward tal-velocita u l-posizzjoni tal-vettura fuq in-naha mhux regolamentari tat-triq;

(3) Opportunement dwar il-fattur "*speed*" din il-Qorti tirrievoka l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza fl-ismijiet "**Jesmond Bonello -vs- Giulio Baldacchino**", 15 ta' Jannar 1997:-

"L-i*speed* eccessiv (li *in civilibus* ma hux limitat ghall-velocita in eccess ta' dak regolamentari, imma jista' jkun wkoll in eccess ta' dak konsentit lil sewqan prudenti skond il-lokalita u c-cirkostanzi) jista' jitqies bhala fattur li jaddebita responsabilita` jew kontributorjeta` ghas-sinistru fil-kazijiet fejn, jew jigi provat li dan l-i*speed* kien ukoll kawza prossima u immedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribwixxa b' mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagonati mill-istess sinistru";

(4) Similment bhat-Tribunal qabilha, ghal din il-Qorti l-i*speed* tal-vettura misjuqa minn Malcolm Scicluna, fil-mument prossimu ghall-kollizjoni, kellu certament ness ta' kawza u effett ma' l-incident li sehh u ghalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li jista' jirreklama l-protezzjoni tal-ligi jew l-adezjoni ta' din il-Qorti ghall-aggravju tieghu, biex b' hekk jiskolpa ruhu minn kull htija kontributorja;

Sewwa inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe armla minn Michelangelo Bonnici *proprio et nomine* -vs- Massimiliano Felice**", Appell Civili, 15 ta' Jannar 1971:-

"Mhu xejn vangelu li kull min ikun fuq it-triq principali ghandu dejjem u bilfors ir-ragun kollu. F' dan is-sens il-gurisprudenza lokali u estera hija bizzejjed abbondanti, u ghalhekk il-*main road user* m' ghandux garanzija ta' innocenza assoluta, u lanqas ma ghandux xi presunzjoni favur tieghu li l-iehor ma jgawdix minnha wkoll";

Tenut rigward tac-cirkostanzi kollha, u li juru positivament li iben l-appellanti ittraskura certi doveri elementari, mhux il-kaz li din il-Qorti tirrevoka (dak li ntalab mill-appellant), ossija ghall-korrettezza procedurali, tvarja, il-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------